# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Jannar 2025**

**Rikors numru 600/2023**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**
**vs.**
**Jeffrey Attard (K.I. 428673M)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors tal-Bank HSBC ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2023, permezz ta' liema din il-Qorti ġiet mitluba:

i) Tiddikjara li l-intimat huwa debitur fil-konfront tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' €94,008.85 (erbgħa u disgħin elf u tmien Ewro u ħamsa u tmenin ċentezmu) kif fuq spjegat.

ii) Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' erbgħa u disgħin elf u tmien Ewro u ħamsa u tmenin ċentezmu (€94,008.85) bl-imgħax legali bir-rata ta' 8 fil-mija (8%) fis-sena mill-1 ta' Ġunju 2023 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 1693/22 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni. Bl-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

2. Rat li s-soċjeta attriċi pruvat tinnotifika lill-konvenut f'żewġt indirizzi separati, inkluż b'tentattiv wara l-ħinijiet ġudizzjarji mingħajr suċċess, il-Qorti awtorizzata tipproċedi bil-proċedura ta' notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni; u wara li ġiet ikkompletata l-proċedura

tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni biex b'hekk saret in-notifika oġġettiva tal-konvenut, huwa ma ippreżenta ebda risposta fit-terminu statutorju biex b'hekk baqa' kontumaċi skont il-liġi. Inoltre anke wara li l-Qorti kkonċedietlu xahar żmien mill-aħħar seduta sabiex jekk ried, jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut ma preżenta ebda nota.

3. Rat id-dokumenti u l-atti proċesswali.

4. Rat li fis-26 ta' Novembru 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

5. Permezz ta' kuntratt ta' self tal-1 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-nutar Maria Spiteri,[1] il-konvenut Attard isellef is-somma ta' mija ħmistax il-elf tliet mija u tliet euro tmienja u disgħin ċenteżmu (€115,303.98) mingħand il-Bank attur. Wara li ħallas diversi pagamenti, huwa ma baqgħax iħallas biex b'hekk ħalla pendenti l-ammont ta' wieħed u tmenin elf disa' mija tnejn u erbgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċentezmu (€81,942.23) kif jidher fir-rendikonti bankarji eżebiti mar-rikors promotur. Oltre dan l-ammont il-Bank qed jitlob ukoll rata ta' imgħax bit-8% fis-sena sal-1 ta' Ġunju 2023, b'hekk l-ammont totali mitlub huwa ekwivalenti għal erbgħa u disgħin elf u tmien Ewro u ħamsa u tmenin ċentezmu (€94,008.85).

6. L-intimat Jeffrey Attard baqa' kontumaċi. Iżda dan ma jfissirx li l-Bank attur kien meħlus milli jipprova l-każ tiegħu. Dan peress li l-kontumaċja fiha nfisha mhijiex ammissjoni; anzi ġiet interpretata mill-ġurisprudenza bħala oppożizzjoni għat-talba biex b'hekk il-qorti trid tidħol f'ċerta dettalji li tħoss li huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti. [2]

7. Il-Bank esebixxa r-rendikonti tiegħu[3] mnejn jirriżulta li l-intimat kien għamel diversi pagamenti iżda mbagħad waqaf ħeżrem. Fir-rendikont eżebit a fol 29 jirriżulta li fl-1 ta' Ġunju 2023 il-konvenut kien għandu dovut il-bilanċ ta' wieħed u tmenin elf disa' mija u tnejn

---

[1] eżebit Dok 5 *et seq.*

[2] Ara **Ruth Apap vs. Noel Apap** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1995; **Emanuel Spiteri et vs. Benedetta Meilak noe** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2014; **Raymond Gauci pro et noe vs. Christopher Galea** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April 2001.

[3] eżebiti fol 21 *et sequitur*.

u erbgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċentezmu €81,942.23, kif premess fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur.

8. Għalhekk, mir-rikors ġuramentat u minn dawn id-dokumenti jirriżulta li l-konvenut kien fil-fatt debitur tal-Bank attur kif indikat f'dawk ir-rendikonti. Minkejja li il-konvenut ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali numru 1693/22, huwa baqa' inadempjenti.

9. Konsegwentement, in vista tas-suespost il-Qorti tqis li l-Bank attur għandu raġun fit-talba tiegħu li sejra tiġi milqugħa.

# Deċide

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti qegħda:**

**Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat Jeffrey Attard huwa debitur tas-soċjeta attriċi fl-ammont ta' erbgħa u disgħin elf u tmien Ewro ħamsa u tmenin ċenteżmu (€94,008.85).**

**Tilqa' t-tieni talba, u tikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' erbgħa u disgħin elf u tmien Ewro ħamsa u tmenin ċentezmu (€94,008.85) bl-imgħax legali bir-rata ta' 8 fil-mija (8%) fis-sena mill-1 ta' Ġunju 2023 sad-data tal-pagament finali.**

**Spejjeż a karigu tal-intimat Jeffrey Attard.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**